PARLAMENT TA' MALTA

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI, KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA, U KUMITAT PERMANENTI DWAR IS-SAĦĦA**

---

**L-ETÀ TAL-KUNSENS SESSWALI**

---

**RAPPORT KONĠUNT TAT-12-IL LEĠIŻLATURA**

**MARZU 2016**

**Kontenut**

1 Introduzzjoni ........................................................................................................ 3

1.1 Kumitat Konġunt magħmul mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat dwar l-Affarijiet tal-Familja u l-Kumitat dwar is-Saħħa ........................................................ 3

2 L-Età tal-Kunsens Sesswali ........................................................................................ 4

2.1 Id-Dispożizzjonijiet tal-Liġi Preżenti ........................................................................ 4

2.2 Kwistjonijiet Psikoloġiċi u Soċjali ............................................................................ 5

2.3 L-Aspett Mediku ..................................................................................................... 6

2.4 Il-Perspettiva taż-Żgħażagħ ..................................................................................... 7

2.5 L-Edukazzjoni ......................................................................................................... 8

2.6 Ir-Reliġjon ............................................................................................................... 9

2.7 Statistika dwar iż-Żgħażagħ li jkollhom relazzjonijiet sesswali .................................. 9

3 L-Età tal-Kunsens Sesswali f'Pajjiżi Barranin .......................................................... 10

4 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ................................... 13

# 1 Introduzzjoni

## 1.1 Kumitat Konġunt magħmul mill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat dwar l-Affarijiet tal-Familja u l-Kumitat dwar is-Saħħa

Fis-27 ta' Mejju 2015, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa żammew l-ewwel laqgħa minn serje ta' laqgħat b'mod konġunt dwar l-età tal-kunsens sesswali. Dawn il-laqgħat saru bil-għan li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar jekk l-età tal-kunsens sesswali għandhiex titnaqqas jew le.

## 2.2 Il-Laqgħat

Matul id-disgħa laqgħat li saru fuq is-suġġett, il-Membri tal-Kumitat konġunt iltaqgħu ma' numru ta' esperti u gruppi li setgħu jagħtu informazzjoni siewja fuq is-suġġett, u tkellmu anki ma' numru ta' żgħażagħ biex jaraw x'inhi l-opinjoni tagħhom fuq l-età tal-kunsens sesswali.

L-entitajiet li dehru quddiem il-Kumitat kienu:

- Aġenzija Żgħażagħ - is-Sur Jason Zammit;
- Għaqda tal-Istudenti tal-Liġi - is-Sur Charles Mercieca u s-Sur Jacob Portelli;
- Kummissarju tal-Liġijiet - Dr Franco Debono
- Kummissarju għat-Tfal - is-Sinj. Helen D'Amato;
- Kummissjoni Nazzjonali Żgħażagħ - is-Sur Andrew Micallef u s-Sinj. Samantha Pace Gasan;
- Kunsill Mediku - Dr Ilona Debono u Dr Doreen Cassar;
- PULSE - is-Sur Ayrton Mifsud, is-Sur Joseph Masini u s-Sur Wayne Sammut;
- Żgħażagħ Azzjoni Kattolika - tliet żgħażagħ minorenni u s-Sinj. Sarah Caruana.

L-esperti li dehru quddiem il-Kumitat kienu:

- Dr Nicholas Briffa, *Clinical Psychologist and Sexologist;*

- Is-Sur Bernard Caruana, *Clinical Psychologist*;
- Dr Anna Maria Cassar, *Clinical Psychologist;*
- Dr Joanne Cassar - *Senior Lecturer in Youth & Community Studies;*
- Dr Vincent Galea, Avukat;
- Is-Sinj. Dolores Gauci;
- Is-Sinj. Amanda Grech, Psikoterapista;
- Mr George G Buttigieg, Konsulent Ostetriku u Ġinekologu.

Kull min tkellem fil-laqgħat formali tal-Kumitat ġie infurmat li bħala prassi, sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni, il-laqgħat jiġu rrekordjati b'mod awdjo-viżiv.

Wieħed jista' jsegwi l-laqgħat kollha li nżammu fuq is-sit www.parlament.mt.

## 2 L-Età tal-Kunsens Sesswali

### 2.1 Id-Dispożizzjonijiet tal-Liġi Preżenti

Il-liġi Maltija tagħmel numru ta' riferenzi għall-età li fiha wieħed jitqies li huwa minuri. L-Artikolu 188 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li kull min għandu inqas minn 18-il sena huwa meqjus bħala minuri, però hemm liġijiet oħrajn li huma f'kunflitt ma' din id-dispożizzjoni.

L-Att dwar iż-Żwieġ jgħid li żwieġ ta' persuni taħt is-16-il sena huwa null, filwaqt li jagħti d-dritt taż-żwieġ lil persuni li jagħlqu s-16-il sena jekk dawn ikollhom il-kunsens tal-ġenituri/tuturi jew tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Minkejja li persuna ta' 16-il sena tista' tiżżewweġ, il-Kodiċi Kriminali jgħid li huwa illegali li persuna tipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna minuri. Dan ifisser li persuni li jiżżewġu qabel ma jagħlqu t-18-il sena u li jikkunsmaw iż-żwieġ tagħhom ikunu qed jagħmlu att illegali u jkunu soġġetti għal prosekuzzjoni.

Fil-Kodiċi Kriminali hemm numru ta' artikoli li jipprojbixxu attività sesswali fil-każ ta' minuri. Dawn l-artikoli jitkellmu b'mod partikolari fuq każijiet ta' stupru, prostituzzjoni, korruzzjoni,

serq ta' persuna taħt l-età, pornografija, attentat vjolenti għall-pudur, reklamar ta' turiżmu sesswali, ritratti u films indiċenti.

F'emendi li saru fl-2007, fil-Kodiċi Kriminali żdied l-artikolu 204Ċ (1), li jispeċifika li:

> "Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinstab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin bir-reklużjoni jew mingħajrha".

Fl-2007 il-perijodu massimu ta' priġunerija kien ta' sentejn. Dan żdied għal ħames snin fl-2014.

2.2 Kwistjonijiet Psikoloġiċi u Soċjali

Matul il-laqgħat tal-Kumitat konġunt saret preżentazzjoni dwar kif iż-żgħażagħ jgħaddu minn żvilupp sabiex jiffurmaw l-identità psikoloġika unika tagħhom. Dan l-iżvilupp mhuwiex biss fiżiku, imma wkoll fuq livell ta' ħsieb u ta' emozzjoni. Sakemm iż-żgħażagħ jaslu għall-età ta' 16-il sena, huwa normali li jkollhom interess sesswali u li jkunu motivati biex jibdew relazzjoni romantika.

Ġie spjegat kif hemm diversi fatturi li jinfluwenzaw l-attività sesswali, fosthom it-tip ta' kultura, il-familja, it-trobbija, il-ħbieb, il-valuri personali, il-moralità, ir-reliġjon, il-*media*, l-edukazzjoni, il-personalità u l-maturità.

Numru ta' esperti qablu li iktar ma ż-żgħażagħ ikollhom informazzjoni u għajnuna, iktar ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet maturi minkejja l-vulnerabilità tagħhom. Ġie enfasizzat il-bżonn li ż-żgħażagħ jiġu mgħejjuna jikbru fl-istima tagħhom infushom sabiex iħossuhom *empowered*, għaliex meta jiġu taħt pressjoni mhux biżżejjed li jkollhom l-informazzjoni. Minkejja li f'din l-età huwa normali li ż-żgħażagħ ifittxu ħafna lill-ħbieb, huwa importanti ħafna li l-ġenituri jkunu jafu x'qed jiġri u li jkunu hemm għalihom mingħajr ma jikkontrollawhom.

Filwaqt li ħafna mill-esperti tkellmu favur xi tip ta' *banding* (fejn l-att sesswali huwa

permissibbli fost il-minuri, jekk id-differenza fl-età tal-koppja tkun skont il-liġi), din ma kenitx opinjoni unanima. Kien hemm min spjega lill-Kumitat li anke jekk tagħmel restrizzjoni fuq l-età, ma jfissirx li ż-żgħażagħ ma jkunux f'riskju għaliex għalkemm iż-żgħażagħ ikunu tampar xulxin xi ħadd mill-koppja xorta jista' jkun iktar matur jew involut f'xi ċirku soċjali ħażin.

2.3 L-Aspett Mediku

It-tnaqqis tal-età tal-kunsens sesswali huwa suġġett li jevolvi madwar diversi argumenti, fosthom, il-problema li jaffaċċjaw it-tobba meta jiġu biex jagħtu parir jew jikkuraw lil persuna li għadha taħt l-età. Bil-liġi kif inhi llum, tabib tal-familja ma jistax jara pazjent minuri mingħajr il-permess tal-ġenituri. L-uniku servizz li jista' jiġi offrut mingħajr il-kunsens tal-ġenituri huwa dak li jingħata fil-GU Clinic. Għalkemm hemm professjonisti mediċi li ma jeħdux ir-riskju li jaġixxu kontra l-liġi, jeżistu tobba li xorta waħda jagħtu l-kura meħtieġa lil persuni taħt l-età, speċjalment tfajliet li jfittxu l-kura waqt it-tqala, għaliex iħossuhom obbligati li jieħdu ħsieb lil dawk il-minuri. F'dawn il-każijiet, it-tabib ikun qed ipoġġi l-ġid tal-pazjent qabel l-età u qabel ir-riskju li qed jieħu quddiem il-liġi.

Matul il-laqgħat, il-Kumitat konġunt sema' kif f'każijiet fejn l-utru tat-tfajla jiġi espost għal fluwidu seminali minn età żgħira, iktar u iktar fejn ikun hemm element ta' promiskwità, aktar se jkun hemm ċans ta' problemi serji fil-futur, inkluż il-kanċer tal-utru. Hemm tendenza li ommijiet ta' età żgħira ġejjin minn ċerta klassi soċjali aktar għandhom riskju li jkollhom tqala mhux ippjanata, dieta li ma tkunx nutrittiva, saħħa mentali u fiżika iktar batuta, kif ukoll *ante-natal care* li ma jkunx adegwat. Barra minn hekk, it-trabi ta' ommijiet żgħar fl-età jistgħu jkunu f'riskju li jitwieldu qabel iż-żmien, li jbatu minn *foetal growth retardation*, kif ukoll riskju ta' mortalità u morbożità akbar.

Tobba li dehru quddiem il-Kumitat konġunt spjegaw li fil-prattika, it-tnaqqis tal-età tal-kunsens sesswali se ssolvi l-problema għal faxxa ta' nies biss. Il-problema mhux se tiġi eliminata għax xorta jista' jkollok minuri ta' 14 u ta' 15-il sena li jfittxu l-għajnuna medika. Sabiex tissolva din il-problema fil-qasam mediku, irid jingħata permess sabiex tabib ikun jista' jagħti pariri u trattamenti lil persuni minuri mingħajr il-kunsens tal-ġenituri tagħhom. Is-soluzzjoni ma tinsabx fit-tnaqqis tal-età tal-kunsens imma fil-prinċipju tal-*age-banding,* li

jgħaqqad ir-realtà taż-żmien li qed ngħixu fih mal-ħarsien taż-żgħażagħ tagħna.

## 2.4 Il-Perspettiva taż-Żgħażagħ

Mil-laqgħat ħareġ li l-perċezzjoni komuni fir-rigward taż-żgħażagħ u l-liġi dwar il-kunsens sesswali hija li ż-żgħażagħ ma jagħtux kas li jkunu qed jiksru l-liġi meta jibdew l-attività sesswali qabel ma jagħlqu t-18-il sena. L-element legali jista' jkun li jidħol meta jkunu jixtiequ jieħdu xi parir jew trattament mediku u jindunaw li ma jistgħux ikellmu t-tabib mingħajr il-kunsens tal-ġenituri.

Grupp ta' studenti universitarji stqarr mal-Kumitat konġunt li ħafna żgħażagħ saru jafu bl-età tal-kunsens sesswali meta s-suġġett beda jiġi diskuss fil-Parlament. Huma komplew jgħidu li fil-fehma tagħhom il-liġi kienet tajba meta saret però llum ir-realtà nbidlet ħafna u għaldaqstant il-politika ta' prevenzjoni sesswali u dik tal-edukazzjoni hemm bżonn li tiġi riveduta.

Iż-żgħażagħ li ġew ikkonsultati mill-Għaqda Studenti tal-Liġi kellhom opinjonijiet differenti dwar it-tnaqqis tal-età tal-kunsens. Kien hemm uħud li assolutament ma qablux li għandha titnaqqas għax jemmnu li dan iwassal għal żieda fit-tqala mhux pjanata u li l-*peer pressure* se taffettwa d-deċiżjonijiet li jieħdu ż-żgħażagħ fuq l-attività sesswali tagħhom. Dawn iż-żgħażagħ irrakkomandaw li kwalunkwe klawsoli konfliġġenti fil-liġijiet Maltin għandhom jiġu emendati sabiex jiġu konsonanti mal-età tal-kunsens sesswali li hemm bħalissa. Min-naħa l-oħra kien hemm studenti li qablu mat-tnaqqis fl-età tal-kunsens sesswali għax jemmnu li ż-żgħażagħ taħt it-18-il sena li jkollhom relazzjonijiet sesswali qegħdin jiżdiedu u għaldaqstant il-liġi għandha tirrifletti din ir-realtà.

Numru ta' żgħażagħ taħt l-età li tkellmu mal-Kumitat konġunt esprimew it-tħassib tagħhom li jekk l-età tal-kunsens titbaxxa, se jkun hemm pressjoni akbar biex dawn jibdew l-attività sesswali minn kmieni. Qalu li żgħażagħ ta' 16-il sena jistgħu ma jkunux responsabbli biżżejjed biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u wisq inqas li jieħdu ħsieb ta' tarbija. Spjegaw ukoll li f'każ li jmorru għand tabib mingħajr il-kunsens tal-ġenituri, jekk jinqala' xi ħaġa xorta l-ġenituri jridu jieħdu ħsiebhom.

L-għaqda PULSE qalet b'mod inekwivoku li taqbel li l-età għandha tonqos, b'ċerti riservi fosthom tal-*banding* u żieda fl-edukazzjoni.

Rappreżentanti tal-Aġenzija Żgħażagħ u tal-Kummissjoni Nazzjonali Żgħażagħ spjegaw lill-Kumitat konġunt li ż-żgħażagħ għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu għażliet konxji u infurmati u dan id-dritt għandu jinkludi wkoll l-għażla li persuna tkun attiva sesswalment.

## 2.5 L-Edukazzjoni

Fl-iskejjel tal-Istat il-PSCD jibda fit-tielet sena tal-Primarja u ta' din l-età¸ it-tfal jibdew jitgħallmu fuq tibdil fl-emozzjonijiet, fuq tibdil sesswali u fuq il-ġeneru, fost affarijiet oħra. Mill-*Form* 1 sal-*Form* 5 isiru l-*learning objectives* fejn jiġu diskussi l-valuri, l-astinenza, il-mument meta tkun lest biex tagħmel l-att sesswali ma' xi ħadd u r-responsabilità li meta tieħu d-deċiżjoni li tibda l-attività sesswali, tuża xi forma ta' kontraċezzjoni.

Waqt il-lezzjonijiet, ma jsirux diskussjonijiet fuq is-saħħa sesswali għaliex din għandha konnotazzjonijiet mediċi u l-istudenti jispiċċaw jitkellmu fuq il-mard relatat mal-attività sesswali. Illum saret tintuża l-frażi *sexuality and relationship education* sabiex is-suġġett jiġi trattat b'mod ħolistiku, inkluż il-lat psikoloġiku, dak sesswali, fiżiku u anki soċjali.

Fil-kurrikulu, l-istudenti jingħataw perspettivi differenti tas-sesswalità: fil-lezzjoni tar-reliġjon jiddiskutu l-aspett reliġjuż u fil-lezzjoni tal-bijoloġija jittrattaw l-aspett fiżiku, inkluż il-kontraċezzjoni. Għaldaqstant il-lezzjonijiet tal-PSCD, tal-bijoloġija u tar-reliġjon jikkumplimentaw lil xulxin u l-istudenti jafu li f'kull lezzjoni se jieħdu tip ta' informazzjoni differenti u li jistgħu jaddattaw dak li tgħallmu skont il-valuri tagħhom. [1]

Is-sesswalità hija biss parti mis-suġġett tal-PSCD, bħalma huma affarijiet oħra. Xi esperti esprimew il-ħsieb li sabiex tingħata importanza xierqa u jkollna tagħlim effettiv, is-sesswalità għandha tkun suġġett għalih, bħall-Ingliż u l-Malti.

---

[1] Laqgħa 39 tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. 4 ta' Marzu 2015.

Il-Kumitat konġunt sema' iktar minn darba kif iktar ma jkun hemm edukazzjoni sesswali komprensiva, iktar iddum ma tibda l-attività sesswali fiż-żgħażagħ. Edukazzjoni komprensiva hija waħda li għandha tibda minn kmieni fil-ħajja tat-tfal u li tagħtihom il-possibilitajiet kollha (bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull għażla) u finalment tħalli l-għażla f'idejn iż-żgħażagħ.

2.6 Ir-Reliġjon

Il-Kumitat konġunt iltaqa' ma' Dun Joseph Mizzi, Direttur tal-Moviment ta' Kana, sabiex jiddiskuti miegħu l-possibbiltà li l-età tal-kunsens sesswali titnaqqas għal 16-il sena.

Dun Joseph Mizzi stqarr li f'dinja ideali, post is-sess għandu jkun fiż-żwieġ, għaliex huwa hemmhekk li persuna tista' tagħti lilha nnifisha kompletament (moħħha, ruħha, ġisimha u qalbha) lil persuna oħra. Huwa saħaq li s-sesswalità m'għandhiex tkun mifruda mill-imħabba u miż-żwieġ; qal li t-tnaqqis fl-età tal-kunsens sesswali tista' tinċentiva u tħajjar iktar attività sesswali barra ż-żwieġ; iżda qal wkoll li d-dinja tal-lum ma hix waħda perfetta u kompla jgħid li m'għandux ikun hemm diskrepanza bejn il-liġi ċivili li tagħti d-dritt għaż-żwieġ u l-liġi li tistabbilixxi l-età tal-kunsens sesswali.

Fid-dawl tal-iżviluppi preżenti, Dun Mizzi stqarr li jekk l-età tal-kunsens sesswali tonqos għal 16-il sena, l-Istat, il-Knisja, l-organizzazzjonijiet volontarji u l-korpi kkonċernati għandhom jagħmlu kampanja soda u intensiva ta' edukazzjoni u formazzjoni għat-tfal, għall-adoloxxenti u għaż-żgħażagħ. Kwalunkwe tibdil fil-liġi għandu jkun akkumpanjat minn kampanja dwar il-valur tas-sesswalità, aktar informazzjoni dwar mard infettiv, tqala barra ż-żwieġ u l-ħajja ta' *single mother*. Fl-aħħar huwa żied li hemm bżonn li nagħtu iktar każ tal-familji, sabiex insostnuhom mill-bidu u jipproduċu żgħażagħ stabbli li jagħmlu l-aħjar għażliet possibbli f'ħajjithom.

2.7 Statistika dwar iż-Żgħażagħ li jkollhom relazzjonijiet sesswali

Studju li sar mid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa juri li madwar 40% taż-żgħażagħ ta'

bejn is-16 u t-18-il sena huma attivi sesswalment. Minn dawn l-istess żgħażagħ kien hemm kważi 50% li fi żmien sitt xhur kellhom iktar minn *partner* wieħed u ma użawx kontraċezzjoni. 14% mit-tfajliet kellhom l-ewwel rapport sesswali mhux għax veru xtaqu, imma għax ċedew għas-sieħeb tagħhom. Minn dan l-istudju ħareġ ukoll li l-maġġoranza taż-żgħażagħ kisbu l-informazzjoni fuq il-pubertà, is-sistema riproduttiva u aspetti oħra ta' mġiba sesswali mill-iskola, però ħafna minnhom kienu jippreferu li jingħataw din l-informazzjoni mill-ġenituri.

Waqt il-laqgħat, ġiet ikkwotata riċerka ta' Douglas Kirby, li fiha jiġu enfasizzati l-vantaġġi ta' *family based sexual education*. Meta ġiet użata din is-sistema u sar studju biex jiġu evalwati l-effetti tagħha, deher li 40% mill-adoloxxenti damu iktar biex ikollhom l-ewwel rapport sesswali u l-età telgħet minn 15-il sena għal 17-il sena; naqsu n-numru ta' *partners*; 60% naqqsu s-sess mhux protett u 30% naqqsu l-frekwenza tas-sess jew saħansitra rritornaw għall-astinenza.

Min-naħa tagħhom, ir-rappreżentanti tal-Kunsill Mediku qalu kif 12% tal-istudenti Maltin ikollhom x'jaqsmu sesswalment ma' persuna oħra qabel ma jitilqu mill-iskola fl-età ta' 16-il sena, u huma biss wieħed minn kull ħamsa li użaw il-*condoms* kull darba li kellhom x'jaqsmu ma' *partner*.

## 3 L-Età tal-Kunsens Sesswali f'Pajjiżi Barranin

Madwar id-dinja hemm etajiet ta' kunsens għal attività sesswali li jvarjaw minn tnax-il sena sa wieħed u għoxrin sena. Hemm pajjiżi li saħansitra jirrikjedu stat ta' żwieġ sabiex persuna tkun tista' tagħti l-kunsens tagħha.

F'ċertu ġurisdizzjonijiet, minbarra l-età tal-kunsens għal attività sesswali, ikun hemm klawżoli partikolari li jipproteġu lill-minuri, bħal ma huma il-*banding* jew *close-in-age exemptions*. F'dan il-każ, minkejja li l-att sesswali jsir ma' minuri, jekk ikun hemm differenza fl-età li hija aċċettata mil-liġi, dak l-att sesswali ikun eżenti minn proċeduri penali. Fil-Kanada, sess ma' minuri ta' 14 jew 15-il sena huwa permissibbli jekk il-persuna l-oħra ma tkunx iktar minn ħames snin ikbar mill-minuri; sess ma' minuri ta' 12 jew 13-il sena jkun

permissibbli jekk ma jkunx hemm iktar minn sentejn differenza fl-età.

F'pajjiżi oħrajn, wieħed isib li l-età tal-kunsens tkun ta' 18-il sena però persuna ta' 16 jew 17-il sena jista' jkollha attività sesswali ma' persuna li ma jkollhiex iktar minn ċertu età stabbilita mil-liġi.

Din it-tabella turi l-etajiet differenti li ġew adottati f'pajjiżi barranin fosthom:

| **Pajjiż** | **Età tal-kunsens** | **Rimarki** |
|---|---|---|
| L-Istati Uniti: | | |
| *California* | *18* | |
| *Florida* | *18* | |
| *New York* | *17* | |
| *Texas* | *17* | |
| *Tennessee* | *16* | |
| *Michigan* | *16* | |
| Il-Kanada | *16* | |
| L-Awstralja: | | |
| *Queensland* | *16* | Fi Queensland, l-età titla' għal 18 f'każ ta' sodomija |
| *Western Australia* | *16* | |
| *South Australia* | *17* | |
| *Tasmania* | *17* | |
| L-Afrika: | | |
| Il-Burkina Faso | *13* | |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | *14 (nisa)* | *18 (irġiel)* |
| Mauritius | *14* | |
| Il-Guinea | *15* | |
| Il-Marokk | *15* | |
| L-Afrika t'Isfel | *16* | |

| | | |
|---|---|---|
| *Canary Islands*<br>L-Eġittu<br>Is-Seychelles<br>Il-Libja<br>Is-Sudan | *16*<br>*18*<br>*18* | Fil-Libja u s-Sudan il-kunsens sesswali jista' jingħata biss fiż-żwieġ |
| L-Ewropa:<br>Il-Ġermanja<br>L-Italja<br>Franza<br>Il-Greċja<br>Ir-Renju Unit<br>Spanja<br>Ċipru<br>L-Irlanda<br>It-Turkija<br>L-Istat tal-Belt tal-Vatikan | *14*<br>*14*<br>*15*<br>*15*<br>*16*<br>*16*<br>*17*<br>*17*<br>*18*<br>*18* | L-età tal-kunsens fi Spanja telgħet minn 13-il sena għal 16-il sena fl-1 ta' Lulju 2015. |
| L-Asja:<br>Il-Filippini<br>Il-Ġappun<br>Iċ-Ċina<br>It-Tajlandja<br>Il-Malasja<br>L-Indja<br>Il-Bahrain<br>Il-Maldivi<br>Il-Pakistan | *12*<br>*13*<br>*14*<br>*15*<br>*16*<br>*18*<br>*21* | Fil-Maldivi u l-Pakistan, il-kunsens sesswali jista' jingħata biss fiż-żwieġ |
| L-Amerika t'Isfel: | | |

| | | |
|---|---|---|
| Argentina<br>Il-Brażil<br>L-Ekwador<br>Il-Peru | *13*<br>*14*<br>*14*<br>*14* | |

It-tabella turi l-età tal-kunsens f'pajjiżi differenti. Madankollu wieħed għandu jiftakar li f'kull pajjiż jista' jkun hemm klawżoli addizzjonali li jkopru każijiet ta' stupru, esplojtazzjoni, pornografija u attività sesswali bejn persuni li jkunu tal-istess età.

**4 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt**

Il-Kumitat konġunt sema' diversi entitajiet u persuni li setgħu jagħtu stampa ċara fuq is-suġġett. L-informazzjoni kollha ġiet evalwata u matul l-aħħar laqgħa, il-membri ddiskutew u approvaw numru ta' punti u rakkomandazzjonijiet dwar l-età tal-kunsens sesswali.

Kien hemm qbil illi t-tnaqqis tal-età tal-kunsens sesswali huwa fl-interess pubbliku peress li tolqot is-soċjetà tagħna. Iż-żgħażagħ għandhom dritt li jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-aħjar deċiżjoni b'mod ħolistiku. Għandhom ukoll jingħataw sostenn u *empowerment* permezz tal-edukazzjoni.

Ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-kumitat konġunt hija li d-direzzjoni għandha tkun waħda ta' rikonoxximent tal-bidliet fis-soċjetà (*behavioural sciences)* li għandu mbagħad iwassal għat-tibdil neċessarju fil-leġiżlazzjoni.

Il-Kumitat konġunt qabel ukoll illi:

1. L-età tal-kunsens sesswali għandha tinżel għal 16-il sena;
2. *Age banding* u *close-in-age exemption* għandhom bżonn analiżi u konsultazzjoni iktar wiesgħa qabel ma tiġi fformulata l-liġi;
3. Etajiet partikolari u attivitajiet sesswali li jkunu permissibbli għandhom jiġu indikati b'mod ċar fil-liġi għax dak li huwa aċċettabbli għal-leġiżlatur mhux neċessarjament

ikun aċċettabbli għall-ġudikant. Il-liġi għandha wkoll tistabbilixxi x'jikkostitwixxi att sesswali u tnaqqas l-element ta' soġġettività;

4. Kull emenda fil-liġi għandha tieħu in konsiderazzjoni l-protezzjoni tal-persuni taħt l-età, minuri jew vulnerabbli filwaqt li tagħti lok għal iktar indipendenza u responsabbilizzazzjoni tal-istess persuna;
5. Żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq għandu jkollhom aċċess għal kura medika mingħajr il-permess tal-ġenituri jew gwardjani tagħhom;
6. Għandhom isiru kampanji edukattivi kemm għaż-żgħażagħ u anki għall-ġenituri, li jkopru suġġetti bħal: każijiet ta' mard infettiv; is-sens u l-valur veru tas-sesswalità; il-possibbiltà ta' tqala mhux mistennija; xi jfisser li tkun ġenitur waħdek, u responsabbiltà fil-ħajja intima u affettiva tal-koppja. Fil-każ tal-ġenituri jew kustodji, għandhom jiġu offruti korsijiet ta' *parenting skills*;
7. L-edukazzjoni sesswali għall-minuri għandha tkun obbligatorja fl-iskejjel kollha u għandha tingħata minn persuni kwalifikati fis-suġġett. Għandu jkun hemm ukoll lezzjonijiet speċifiċi għal tfal bi bżonnijiet speċjali;
8. Il-formazzjoni u l-edukazzjoni m'għandhomx ikunu limitati biss għall-ħin tal-iskola iżda għandhom isiru wkoll permezz ta' *seminars*, korsijiet u *counselling* speċjalizzat għaż-żgħażagħ li jistgħu jiġu organizzati minn ħafna entitajiet, fosthom il-kunsilli lokali u l-parroċċi;
9. Il-formazzjoni u l-edukazzjoni dwar is-saħħa sesswali għandhom isiru anke permezz tal-midja, il-midja soċjali u programmi tat-televiżjoni. Għandu jkun hemm mekkaniżmu li jnaqqas l-impatt ħażin li jista' jkollha l-midja soċjali fuq iż-żgħażagħ kif ukoll *helplines* u gruppi ta' sapport għall-ġenituri;
10. Għandha tiġi inkluża l-idea ta' *family based sexual education*;
11. Il-familji, speċjalment dawk li huma fil-bżonn, għandhom jiġu sostnuti bl-istrutturi neċessarji. Dan jista' jsir permezz ta' reviżjoni ta' servizzi eżistenti u anki b'servizzi ġodda;
12. Familji li jiġu identifikati bħala vulnerabbli u f'riskju li jaqgħu f'ċirku vizzjuż għandhom jingħataw għajnuna iktar personalizzata;
13. L-iskejjel post-sekondarji u l-universitajiet għandhom jassiguraw li jkollhom *condom dispensers* fil-binjiet tagħhom;
14. Għandha tingħata iktar prominenza lis-servizzi ta' għajnuna bħall-GU Clinic filwaqt li

jinħolqu servizzi ta’ pariri u informazzjoni fuq l-edukazzjoni sesswali fil-komunità, li ma jkunux segregati minn servizzi mediċi oħra, sabiex utenti tas-servizz li jibżgħu mill-possibbiltà ta’ stigma jħossuhom komdi li jagħmlu użu mis-servizz;

15. Is-saħħa sesswali u riproduttiva għandha tingħata prijorità fl-aġenda tas-saħħa pubblika; u
16. Għandha ssir riċerka dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva f’Malta, sabiex jiġu identifikati l-oqsma fejn hemm bżonn ta’ tisħiħ.